**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Kumpilazzjoni Numru 104/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley, Spettur Mark Cremona, Spettur Elisia Scicluna)**

**vs**

**Marzoq Abdelaziz**
**(Detentur tan-numru tal-Pulizija 18N-114)**

**Illum, 8 ta' Frar 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Marzoq Abdelaziz** ta' 35 sena, imwieled il-Libja, nhar l-1 ta' April 1987, bin Habib u Amina, mingħajr indirizz, detentur tan-numru tal-Pulizija 18N-114;

Akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Nhar il-21 ta' Jannar 2023 bejn is-siegħa ta' filgħodu (1.00 a.m.) u t-tlieta ta' filgħodu (3:00 a.m.), bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, u ċioe` ta' serq mill-ħanut Robert's Green Grocer, Triq Karm Galea, Sliema, liema delitt ma ġiex esegwit

minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq ikkwalifikat **bil-valur, bil-ħin u bil-mezz**; (Art. 41(1)(a), 261, 263, 267, 270, 278 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

2. Nhar it-2 ta' Jannar 2023 bejn is-siegħa u għaxra ta' filgħodu (1.10 a.m.) u s-sagħtejn ta' filgħodu (2:00 a.m.) ġewwa Triq Ġuże` Maria Camilleri, Ħamrun, ikkommetta serq minn ġo vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBS-918 ta' flus kontanti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat **bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa**, għad-detriment ta' Miftah Mustapha u/jew persuna/i oħra;
(Art. 261, 263, 270, 271(g) u 281(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

3. Nhar it-30 ta' Diċembru 2022 għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar (1:00 p.m.) minn ġewwa residenza 255, Triq Isouard, Marsa, ikkommetta serq ta' flixkun xorb (Frangelico) u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkawalifikat **bil-lok**, għad-detriment ta' Melchior Ellul u/jew persuna/i oħra;
(Art. 261, 269(g) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

4. Nhar l-1 ta' Awwissu 2022 bejn is-siegħa u għaxra ta' filgħodu (1.10 a.m.) u s-sagħtejn ta' filgħodu (2:00 a.m.) ġewwa Triq Sqaq id-Duluri, Ħamrun, ikkommetta serq minn ġo vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBT-435 ta' flus kontanti u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat **bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa** għad-detriment ta' Nicole Scifo u/jew persuna/i oħra;
(Art. 261, 263, 270, 271(g) u 281(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputat bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, meta huwa ġie misjub ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat **Marzoq Abdelaziz** wieġeb illi ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wara li ngħata żmien xieraq għal din it-tweġiba;

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat illi waqt l-istess eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat **Marzoq Abdelaziz** wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan wara illi ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat **Marzoq Abdelaziz** għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, u illi kien hemm kooperazzjoni da parti tiegħu matul l-investigazzjoni, billi kixef terza persuna nvoluta fis-serq.

Qed tqis ukoll il-fedina penali tal-imputat mil-liema jirriżulta illi fis-sena 2019, huwa nstab ħati ta' reati taħt il-Kap. 61 u l-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Kodiċi Kriminali u ġie kkundannat għal sitt xhur priġunerija effettiva, u illi għalhekk, anke b'ammissjoni tiegħu stess, huwa reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Tqis in oltre n-natura serja tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, kif ukoll illi jidher li l-imputat għandu problema tad-droga u m'għandux residenza fissa. Fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti taqbel mal-Prosekuzzjoni illi piena ta' priġunerija effettiva hija piena idonea, b'dan illi fl-erogar tal-piena, il-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b), 261(ċ), 261(e), 261(f), 261(ġ), 263, 267, 269(ġ), 270, 271(ġ), 278(1) u (3), 279(a), 280(2) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Marzoq Abdelaziz** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u qed tikkundannah għall-piena ta' **tlett (3) snin priġunerija effettiva**, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li tagħhom qed jinstab ħati permezz ta' din is-sentenza.

Tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi illi l-ħati għandu jingħata l-għajnuna kollha neċessarja sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat